*Kitba ta'*
**John Vella**

# Bormla fi Kliem il-Vjaġġaturi ta' l-Imgħoddi (2)

## Carlo Castone 1793

Kittieb tas-seklu tmintax li żar 'il-gżejjer Maltin kien Carlo Castone ta' Torre di Rezzonico. Castone kien magħruf ukoll bħala *Rezzonico*. Hu twieled fil-11 ta' Awissu 1742 f'Como. Għalkemm ġej minn familja magħrufa u tat-tajjeb, il-familja diretta tiegħu ma kellhiex proprjetà jew flejjes kbar. Missieru, il-Konti Anton Giuseppe, li żżewweġ lill-Kontessa Giustina Garofoli Guidobon Cavalchini, ghamel ħiltu biex jara lil Carlo b'xogħol u karriera fil-palazz tad-Duka ta' Parma, meta dik il-parti ta' l-Italja kienet taħt il-Franċiżi.

Din l-ambizzjoni kienet bosta drabi ta' nkwiet bejn il-missier u l-iben. Fl-1749 Carlo daħal kadett fir-reġiment ikkmandat minn missieru stess. Fl-1752 mar Parma biex dahal fil-Kulleġġ tan-Nobbli. Fl-1758 aħbar tajba ħaditu ma' missieru lejn Ruma. Il-kuġin ta' missieru, Ġermaniż bl-isem ta' Carlo Rezzonico wkoll, u li kien Kardinal u Isqof ta' Padova, ġie elett Papa u ħa l-isem ta' Klement XIII.

Carlo ftit wara sar paġġ fil-Palazz tal-Borboni ta' Napli, fejn kien għas-servizz ta' Emmanuel De Rohan, li wara sar Gran Mastru ta' Malta. F'Napli huwa studja l-ilsien Grieg u beda l-ewwel xogħol ta' traduzzjoni tal-Poema ta' Museo *Ero e Leandro*.

Lura f'Parma fl-1760 reġa' ngħaqad mar-reġiment ta' missieru, fejn sentejn wara sar kaptan u wara brigadier. Fl-1767 Carlo ġie arrestat minħabba nuqqas ta' rispett li wera lejn l-Uffiċċji tal-Ministru ta' l-Istat. Fis-sena ta' wara, il-Ministru Du Tillot innominah segretarju perpetwu ta' l-*Accademia delle Belle Arti* ta' Parma, wara l-mewt ta' l-għalliem Carlo Innocenzo Frugoni. Fl-1774 kien elett fil-*Camera* tad-Dukat. Fost ħwejjeġ oħra kien iħejji l-programm ta' okkażjonijiet ta' għerusijiet, tiġijiet u żjarat ta' persuni rjali, fosthom ta' Alessandru u Timotju li saru Kżari tar-Russja.

Fl-1780 jidher li x-xogħol m'għoġbux u mar jaħdem mal-biċċerija ta' Como. Sentejn wara li missieru ċaħad il-kariga ta' kastellan, fl-1782 Carlo ġie nominat president tal-fakultà tal-letteratura u maġistrat ta' l-Università. Billi l-familja tad-Dukat ta' Parma kellha rbit politiku mal-Kuruna Franċiża, l-interess fil-kultura, l-arti u xjenza kibru. Imma meta d-Dukat inqata' minn Franza beda żmien ta' nuqqas ta' interess u trażżin ta' l-espressjonijiet ħielsa ta' kull min kellu ħila jimxi 'l quddiem. Il-ħakma żejda tad-Dukat u l-mewt ta' missieru fl-1785 ġiegħlu lil Carlo jitbiegħed u jivvjaġġa.

Bejn l-1783 u l-1788 hu mar Vjenna, Franza, l-Ingilterra, l-Olanda u l-Ġermanja. Lura lejn Ruma fl-1789 sab lil Cagliostro. Il-Konti Alessandro Cagliostro kien persunaġġ ieħor kontroversjali u famuż hafna minħabba l-interessi tiegħu fix-xjenzi okkulti. Ismu proprju kien Giuseppe Balsamo, u wild ta' familja fqira minn Palermo, fi Sqallija.

Ismu jħalli wieħed x'jaħseb ukoll li seta' kien ta' dixxendenza Maltija. Kien avventurier u mghallem personalment fuq il-maġija. Cagliostro sar famuż ħafna fil-palazzi rjali ta' l-Ewropa fejn kien meqjus bħala kapaċissmu fl-arti okkulta, bħall-fejqan psikiku, l-alkemija u li jitkellem mal-mejtin. Ta' 23 sena Cagliostro ġie Malta u beda ma' l-Ordni ta' San Ġwann fejn studja l-alkemija, il-kabbalah u sigrieti oħra ta' l-okkult. Aktar tard f'Londra hu ngħaqad mal-mażunerija. Kien arrestat fil-Bastilja fi Franza akkużat fuq serq u frodi.

Meta nħeles mar Ruma u pprova jwaqqaf l-ordni tal-Mażunerija Eġizzjana. Kien arrestat għal darb'oħra mill-Knisja, u mtella' quddiem l-Inkwiżitur u kkundannat għall-mewt fl-1791. Aktar tard il-Papa Piju VI bidillu s-sentenza f'għomru l-ħabs. Wara mewtu fl-1795 ingħad li hu ħarab b'miraklu u kien għadu ħaj jiġġerra għal bosta snin fl-Ewropa, ir-Russja u l-Amerika.

Meta Cagliostro ġie arrestat Carlo *Rezzonico* ġie akkużat li ssieħeb f'xi setta tal-mażunerija msejha ta' *l-imdawlin (illuminati)*. Kien Cagliostro stess li semma ismu quddiem is-Sacra Rota. Minhabba din l-akkuża Carlo tneżża' minn kull titlu u unur rjali li Parma tagħtu. Biex tiġi aghar Carlo għadda minn operazzjoni li kixfitlu kankru, u baqa' jkaxkar bil-mard. Hu ħa nifs meta fl-1791 il-Papa Piju VI kiteb lid-Duka Ferdinandu biex jeħles lil Carlo minn kull akkuża magħmula min-naħa ta' Cagliostro. Imma dan qatt ma seħħ.

L-aħjar ta' Carlo kien bejn l-1750 u l-1793. Kien żmien ta' taqlib bejn l-istati ta' l-Italja u żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża, fejn seħħ tibdil tal-fehma politika mogħnija b'bosta forom ta' ideat ta' l-illuminiżmu. L-Illuminiżmu kien twemmin ta' għaqda mwaqqfa fl-1776. L-għaqda kienet temmen fi prinċipji bħall-eżistenza sopranaturali jew divina. Kien twemmin bażat fuq twemmin fin-natura u ideat repubblikani. Kienet għaqda għall-mażunerija, b'nies li jistqarru li kellhom għerf speċjali mogħti lilhom bla rbit ma' superstizzjoni jew preġudizzju.

Fi żmien Carlo l-istat ta' Parma kien għaddej minn tibdil qawwi, fosthom fil-kultura u s-sistema politika li wasslet biex il-qawwa ta' l-istat tkun tħabbatha sewwa mal-poter tal-kleru u n-nobbiltà. Kien hemm qawmien fl-arti, fil-letteratura, libertà aktar fil-politika u l-arti tal-palk, it-twaqqif u t-tiġdid ta' librerija pubblika, studji xjentifiċi, it-twaqqif ta' osservatorju astronomiku, il-ftuħ ta' mużew ta' l-istorja naturali, ġnien botaniku, post ta' studju u l-esperimentazzjoni fil-fiżika, l-anatomija u l-kimika.

Carlo f'dan l-ambjent kollu kien qaleb għall-ilsien ta' pajjiżu xi xogħlijiet poetiċi, fosthom kitbiet ta' Milton, Gessner, u kiteb mużika għal sunetti u *canzoni* ta' l-okkażjoni mħeġġeġ mill-għalliem tiegħu Frugoni.

Carlo telaq min-Napli fit-23 ta' Awissu 1793 u wasal Malta fit-23 ta' Ottubru, biex reġa' mar lura Sirakuża fit-13 ta' Novembru. Imma nibqgħu Malta. Il-ġifen b'Carlo wasal Malta fis-sagħtejn ta' bil-lejl. Il-Kaptan tal-Port ta permess jinżlu l-art biss lil Carlo u liż-żewġ qaddejja tiegħu. Huma marru jalloġġjaw fil-lukanda *Tre Re*[1] fejn skond il-kittieb De Non kienet tieħu 12-il ċenteżmu kull jum.[2]

L-għada Carlo mar iżur lil ħabibu l-Prinċep Camillo De Rohan, li kien Ambaxxatur f'Ruma u jiġi ħu l-Gran Mastru. Wara l-ikla ta' nofsinhar għall-ħabta tat-tlieta, Camillo

ftiehem li jieħu lil Carlo għand ħuh Emmanuel. Carlo u Emmanuel saru jafu 'l xulxin fl-1760,meta kienu paġġi tas-Sultan ta' Napli. Emmanuel kien *gran cacciatore* u *gran scudiere*. Wara sitt snin triqithom infirdet, imma xorta għarfu 'l xulxin għalkemm għaddew 27 sena.

Carlo f'Malta kien aktar iħossu mistrieħ mill-azzjonijiet ħżiena u l-qlajja ta' dawk li għamlulu l-ħsara f'Parma biex ifittxu l-interessi personali tagħhom.

Wara l-laqgħa ma' De Rohan, Carlo jgħid li kiteb xi ittri lill-Balliju Belmont, lill-Kommendatur Grimaldi, lill-Kommendatur Miari li kien Segretarju tal-Gran Mastru għall-Affarijiet Barranin tal-Lingwa ta' l-Italja, u lill-primi bankiera ta' Malta s-sinjuri Issuard u Mattei.[3]

Fit-8 ta' Novembru, il-Lingwa ta' l-Italja u l-Kunsill laqgħu t-talba ta' Carlo. hu ngħata l-permess li jġorr is-salib u l-uniformi bħala Kavallier tal-Ġustizzja ta' l-Ordni Ġerosolmitana, u beda s-sena ta' prova fil-kunvent. Dan in-novizzjat x'aktarx li sar fil-Kunvent tat-Tereżjani ta' Bormla.[4] Wara dawra mal-Belt Valletta, s-swar tagħha u l-Knisja Kattedrali, Carlo qatagħha li jerġa' jmur iżur San Ġwann biex jifli sewwa x-xogħlijiet ta' arti.

Carlo kien jintefa' josserva l-qawwa tas-swar u s-sistema tad-difiża ta' Malta. Lil Bormla hu jsemmiha meta juri l-għaġeb tiegħu għan-nofs tond ta' swar tal-*Cottonera* li jħaddnuha, bi tmien bastjuni li kellhom ħila, f'każ ta' nżul ta' l-għadu, jilqgħu fihom lin-nies tal-gżira u lill-bhejjem tagħhom f'post żgħir ħafna. Carlo għalkemm skanta kif il-gżejjer Maltin kienu jżommu bi ftit ilma, ftit ħamrija u bl-irjieħ li jgħaddu, faħħar ħafna l-larinġ ta' Malta għall-benna tiegħu.

Semma li f'Malta kienu jinżergħu ħafna żrieragħ għall-ikel, qamħ u qoton. Għalkemm



*Swar tal-Kottonera.*

is-silla kienet l-ikel bażiku tal-bhejjem, hu jgħid li l-aħjar silla kienet dik Għawdxija.[5] Hu jsemmi l-istudji u l-kitbiet tal-Markiż Carlo Antonio Barbaro, li kien Ġurat tal-Belt Valletta u t-Tlett Ibliet, arkeologu, storiku u lingwista.[6] Carlo jinnota li Barbaro jsemmi li f'Malta kien hawn tliet kwalitajiet ta' qmuħ, ħxejjex u ħwawar endemiċi (li jikbru biss f'Malta).[7]

F'Malta kien hawn mad-90,000 ruħ. Li għalkemm kienu kuntneti minhabba l-kummerċ u x-xogħol li jgawdi l-pajjiż, il-faqar kien kullimkien. Malta kienet għaddejja mill-effetti tar-Rivoluzzjoni Franċiża, il-gwerra u l-qtugħ tal-kummerċ mal-gżira. Minhabba dan kollu l-Ordni ġarrbet telf kbir ta' proprjetà u għalhekk tilfet flejjes kbar u bdiet idduq il-qrusa ta' l-iżbilanċ enormi finanzjarju.[8]

Carlo jgħid f'Malta l-għerien abitati kienu bosta. Laqtu wkoll kemm nies kienu jgħixu fis-sotterrani tal-Belt Valletta u mas-Swar ta' Bormla b'mod speċjali s-Swar ta' Cotoner. Hu jgħid i dawn il-*ħafna ġrieden* irġiel ġew mill-għerien, flimkien man-nisa u t-tfal tagħhom u sabu post mas-swar[9] ta' Bormla billi l-belt Cospicua kienet toffri ħobża aħjar minn dik, li kienu jafu huma fl-irħula u l-barra mis-swar ta' Bormla.

Il-kitba dwar il-miġja ta' Carlo *Rezzonico* fil-gżejjer Maltin tinqasam fil-wasla, iż-żjara lill-Gran Mastru De Rohan, il-karatteristika tal-gżira, il-fortifikazzjonijiet, il-biedja, is-sbuħija u l-ilbies tal-Maltin, xi skrizzjoni tal-qedem, il-knisja ta' San Ġwann, il-pitturi tal-Kalabriż, it-teżor ta' San Ġwann, il-mużew ta' Barbaro, l-istudju ta' Raffaello, kandilabru tal-qedem (iċ-ċippu), skultura tonda minquxa fl-irħam, midalji, katakombi, l-għerien ta' Għar il-Kbir, il-Buskett u l-Maqluba. Fost dawn Carlo kien mexa fuq il-kitbiet ta' vjaġġaturi oħra li kitbu dwar Malta; fosthom M. De Non (1789) u l-Kommendatur Saint Priest (1791), li urew interess kbir fl-antikwarjat, fdalijiet arkeoloġiċi u raritajiet.

Rezzonico tkellem mal-Gran Mastru dwar it-toroq Maltin u qallu li bi ftit sforz u bbatmar anke karettuni kienu jistgħu jitħarrku b'aktar għaġġla. Imma l-Gran Mastru wieġbu li kien impossibbi ġġiegħel lill-Maltin biex jitilqu drawwiet qodma u ta' karattru Għarbi u tal-Lvant għax kienu marbuta ħafna fihom. Dwar is-sbuħija tan-nisa sieħbu De Non qallu ħafna, imma Carlo jgħid li minħabba saħħtu ma setax jara waħda tajba.

Laqtuh hafna n-nisa ta' l-għelieqi li ħwejjiġhom qabbilhom ma' dawk tal-Griegi Spartani tal-qedem.[10] Fost żjarat oħra li għamel isemmi l-Imdina, il-katakombi u l-għar ta' San Pawl fir-Rabat. Fiż-Żurrieq ra l-marki tal-karettuni fil-blat li jibqgħu sejra lejn il-baħar. Mar jara t-teżor ta' l-Ordni u kollezzjonijiet ta' familji nobbli.

L-istudju u l-kritika ta' Carlo *Rezzonico* jitkellmu dwar l-iżbalji fl-interpretazzjoni ta' fdal arkeoloġiku u l-istorja ta' Malta kif miktuba minn Gian Franġisk Abela (*Storia di Malta*: 1780) u minn Giovanni Antonio Ciantar (1696-1778) (*Malta Illustrata*), fosthom fil-qlib tal-Latin u t-tifsir ta' skrizzjonijiet misjuba fl-Imdina, dwar il-ġrajja tal-Maqluba li kienet għar sfrundat u mhux xi kastig divin.[11]

Fl-1795, l-istess sena li miet Cagliostro, Carlo ntefa' jagħmel tiftix fuq l-istorja ta' l-arti u l-antikitajiet. Fl-istess żmien intelaq għal żmien ta' prova ma' l-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta. L-Ordni għarfet fih it-talenti u qisitu bħala bniedem ta' prinċipji politiċi u reliġjużi serji. L-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi ta' Parma qalgħu dawn il-kalunji fuqu għax minnu ma rawx xi xaqq ta' dawl biex joborxu jew ikollhom favuri u pjaċiri.

Kien hemm l-interessi ta' l-Isqof Adeodato Turchi u oħrajn fid-Dukat ta' Parma, li riedu pożizzjoni jew favuri minn dak li kellu jilħaq Ministru ta' l-Istat. Billi Carlo ma kienx se jagħmel favuri huma ma rieduhx nominat f'dik il-kariga. L-iskuża kienet li

*Rezzonico* kien membru tal-loġġa tal-mażunerija fi Cremona, u għalkemm dan kien minnu, Carlo kien biss imsieħeb fis-snin 1780.

Min-naħa l-oħra l-Papa, li ma riedx jaqla' polemiki fil-beraħ mal-filosofi u ma' nies bħal Carlo, ħasibha aħjar. Billi Carlo kien meqjus bħala kattoliku twajjeb u suddítu tajjeb, ħajru u ħeġġu biex ifittex jerġa' jitlob biex jilqugħ fl-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta. Carlo kien milqugħ mill-ġdid fl-1795, sewwasew sena qabel mewtu, bit-titlu ta' *cavaliere milite per gustizia*.

B'xorti ħażina Carlo ntlaqat b'riħ ta' puplesija li pparalizzalu x-xellug ta' ġismu kollu. Waqt li kien f'Napli, fit-23 ta' Ġunju 1796, Carlo intlaqat minn attakk ieħor ta' puplesija li bagħtu għal ġudizzju aktar gust għand Dak li ma jħarisx lejn uċuħ jew pjaċiri.

**Referenzi:**

Eynaud, Joseph: *Viaggio di Malta 1793: Carlo Castone della Torre di Rezzonico*, (Midsea Books Ltd., Malta, 1989).

1 ibid. p.44.
2 ibid. p.63 n.21.
3 ibid. p.45.
4 Il-Kunvent tat-Tereżjani ta' Bormla kien iservi ta' novizzjat għall-membri ta' l-Ordni, għall-irtiri kif ukoll bħala kulleġġ għat-tagħlim ta' l-ilsna Orjentali u Gharab. B'hekk kien jaqdi wkoll il-ħtiġijiet ta' dawk li riedu jmorru l-missjoni jew ibaħħru għal xi raġuni oħra.
5 ibid. p.47.
6 ibid. p.69.
7 ibid. p.48, 66.
8 ibid. p.49.
9 ibid. p.61.
10 ibid. p.52.
11 ibid. p.52-61.

**Nota:**

Carlo Rezzonico nduna li ż-żewġ kittieba ta' l-Istorja Abela u Ciantar qalbu ħażin mill-ilsien Latin għal dak Malti l-iskrizzjonijiet imsemmija. Hu kkundanna kif huma dawru ġrajjiet naturali f'xi ħaġa sopranaturali u reliġjuża. Hawn ta' min jinnota li l-kotba mitbugħa f'dawk iż-żminijiet riedu l-approvazzjoni ta' l-Isqof jew l-Inkwiżitur biex jiġu ppubblikati. Carlo jagħtina x'nifhmu li biex il-kotba jkunu approvati bosta drabi kien ikollhom jiġu mibdula partijiet minnhom skond kif jiddetta l-Isqof jew l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Jekk tippubblika xi ħaġa bla ma tgħaddiha mill-approvazzjoni tal-Knisja, kont tispiċċa skumnikat u meqjus bħala eretiku. L-għan kien biex il-Knisja tħares l-interessi tagħha. F'Malta dan baqa' jsir sa madwar tletin sena ilu. Fost l-aħħar kotba ta' l-istorja li kellhom jgħaddu minn taħt iċ-ċensura ekkleżjastika nsibu *Bliet u Rħula Maltin* ta' Alfie Guillaumier u *Outlines of Maltese History* ta' Mons. Laspina. Dan ta' l-aħħar kien użat bħala l-ktieb għat-tagħlim ta' l-Istorja ta' Malta f'bosta skejjel. Illum hemm dubji dwar ċerti fatti kif jidhru f'dawn il-kotba.